MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 1029/2011

**Tiziana Roberta Miljanic**

**Vs**

**Charles Grech & Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti minnha mressqa fid-19 ta' Dicembru, 2011** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' tlett elef mitejn tlieta u sittin euro u sebgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€3,263.67] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Billi l-attrici ghamlet perjodu fl-impjieg tas-socjeta intimata bhala *Brand* Manager – kuntratt ta' impjieg anness u markat bhala dokument A.

U billi l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta ghal dan l-impjieg huwa fl-ammont ta' tlett elef mitejn tlieta u sittin Ewro u sebgha u sittin ċenteżmu (€3,263.67c), rappreżentanti hlas ta' salarju, allowance, *bonus*, performance *bonus* u vacation leave mhux mehud.

U billi s-socjeta konvenuta minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont dovut kif hawn fuq spjegat baqghet inadempjenti.

U peress li ghalhekk s-socjeta intimata ghandha thallas is-somma ta' tlett elef mitejn tlieta u sittin Ewro u sebgha u sittin ċenteżmu (€3,263.67c) lir-rikorrenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1) Jiddikjara li s-socjeta intimata hi debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tlett elef mitejn tlieta u sittin Ewro u sebgha u sittin ċenteżmu (€3,263.67c) kif hawn fuq spjegat.
2) Jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef mitejn tlieta u sittin Ewro u sebgha u sittin ċenteżmu (€3,263.67c).

Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-23 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Il-kumpannija konvenuta qed topponi ghat-talba attriċi stante illi:

1. It-talbiet attriċi ghandhom jiġu michuda u dana stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-ammont pretiz ma huwiex dovut lill-attrici, salv ghas-somma ta' €257.07 (mitejn u seba u hamsin Ewro u seba ċenteżmu) u dan kif ser jiġi espost hawn taht u kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

2. Illi jiġi rilevat illi l-gross basic wage tal-attrici ghall-perjodu 01/08/11 sa 25/08/11 kien ta' €1174.45, l-gross weekly allowance ghax-xahar ta' Settembru 2011 kien ta' €41.44, ghal total ta' €1,313.75. Minn dana l-ammont kellhu jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjoni soċjali u FSS Tax dovut mill-attrici ghax-xahar ta' Awwissu 2011 li flimkien jammontaw ghal €269.24. Ghalhekk l-ammont percepibbli mill-attrici kien fis-somma ta' €1,044.51.

3. Illi skond il-ligi l-attrici kienet obbligata tahdem perjodu ta' notice (notice period) ta' tmien (8) ġimghat u konsegwentement gialadarba irriżenjat mill-impjieg taghha fit-8 ta' Awwissu 2011 l-ahhar ġurnata ta' xoghol fin-notice period kellhu jkun it-30 ta' Settembru, 2011. Izda l-attrici waqfet mill-impjieg fid-19 ta' Awwissu, 2011 bil-konsegwenza li naqset milli tahdem 24 gurnata ta' xoghol min-notice period (wara li jittiehed in konsiderazzjoni l-festi pubbliċi u l-vacation leave entitlement tal-attrici). Konsegwentement l-attrici ghandha thallas lill-kumpannija konvenuta nofs il-paga li hija kienet tkun intitolata ghall-imsemmija 24 gurnata ta' xoghol, liema somma tammonta ghal €787.44.

4. Illi meta mill-ammont ta' €1044.51 imsemmi fil-paragrafu numru 2 jitnaqqas l-ammont ta' €787.44 imsemmi fil-paragrafu 3, il-bilanc dovut lill-attrici huwa ta' €257.07, liema ammont l-kumpannija intimata riedet thallas lill-attrici iżda dina baqghet ma resqitx ghall-hlas.

5. Illi ukoll jiġi rilevat illi l-attrici ma hija intitolata ghal ebda annual performance *bonus* kif minnha pretiz u wisq anqas hija intitolata ghall-hlas pro rata tal-annual performance *bonus*. Jigi rilevat illi skond il-kuntratt ta' impjieg tal-attrici hija tkun intitolata "to an annual performance *bonus* of up to three thousand Euro (€3000) based on, amongst other things, agreed KPI's ..." Minn dina l-klawsola jirrizulta illi l-performance

*bonus* hija kalkolabbli fuq perjodu ta' sena, u mhux pro rata kif qed tippretendi l-attrici u hija ibbażata fuq targets li jkollhom jintlahqu mill-attrici fl-imsemmi perjodu ta' sena u dana apparti l-osservanza tal-kundizzjonijiet l-ohra tal-impjieg. Il-Key Performance Indicators (KPI's) huma indikati fil-kuntratt ta' impjieg, liema KPI's ma intlahqux mill-attrici u konsegwentement ma hijiex intitolata ghall-performance *bonus* minnha pretiz. Dana japplika ukoll anke li kieku wiehed kellhu jahdem l-istess KPI's ghab-bazi pro rata kif qed tippretendi l-attrici. In oltre l-attrici naqset serjament fl-obbligi taghha ta' *Brand* Developer u konsegwentement il-performance taghha ma kienx jiġġustifika l-hlas ta' performance *bonus*.

6. Illi ghalhekk it-talba attriċi ghandha tiġi respinta bl-ispejjes kontra l-istess attriċi.

7. Salv eċċezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi".

Ra **l-kontro talba tas-socjeta intimata minnha mressqa mar-risposta taghha** u li permezz taghha talbet lir-rikorrenti thallasha s-somma ta' seba' mija sebgha u tmenin euro u erbgha u erbghin ċenteżmu ta' euro [€787.44] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-kumpannija Charles Grech & Co. Limited qed tressaq kontro-talba kontra Tiziana Roberta Miljanic u permezz ta' liema qed titlob li l-istess Tiziana Roberta Miljanic tiġi kkundannata thallas lill-kumpannija Charles Grech & Co. Limited is-somma ta' €787.44 (seba mija u seba u tmenin Ewro u erba u erbghin ċenteżmu) rappreżentanti nofs il-paga percepibbli minn Tiziana Roberta Miljanic ghall-24 gurnata ta' xoghol, liema granet l-istess Tiziana Roberta Miljanic naqset milli tahdem mill-perjodu ta' notice li hija kienet obbligata tahdem skond il-ligi. Illi l-attrici kienet obbligata tahdem perjodu ta' notice (notice period) ta' tmien (8) ġimghat, skont il-Ligi, u konsegwentement gialadarba irriżenjat mill-impjieg taghha fit-8 ta' Awwissu, 2011 l-ahhar ġurnata ta' xoghol fin-notice period kellhu jkun it-30 ta' Settembru, 2011. Izda l-attrici waqfet

mill-impjieg fid-19 ta' Awwissu, 2011 bil-konsegwenza li naqset milli tahdem 24 gurnata ta' xoghol min-notice period (wara li jittiehdu in konsiderazzjoni l-festi pubbliċi u l-vacation leave entitlement tal-attrici). Konsegwentement l-attrici ghandha thallas lill-kumpanija konvenuta nofs il-paga li hija kienet tkun intitolata ghall-imsemmija 24 gurnata ta' xoghol, liema somma tammonta ghal €787.44"

Ra **r-risposta tar-rikorrenti** minnha mressqa fit-8 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghall-kontro-talba tas-socjeta intimata:

"1) Illi l-attrici ri-konvenuta qatt m'opponiet li thallas in-notice Money minnha dovut skont il-ligi lis-socjeta konvenuta rikonvenjenti. Fil-fatt, hi kienet diġà kitbet cheque rappreżentanti dan in-notice money dovut minnha, billi kien intlahaq ftehim mas-socjeta konvenuta li jiġu skambjati żewġ cheques – l-attrici taghti cheque rappreżentanti n-notice money dovut minnha lis-socjeta lis-socjeta konvenuta, filwaqt li s-socjeta konvenuta thallas lill-attrici cheque rappreżentanti l-ammont dovut lill-attrici fit-terminazzjoni tal-impjieg taghha. Is-socjeta konvenuta iżda m'onoratx dak li hi stess kienet qablet dwaru, u nsistiet li thallas lill-attrici biss parti mill-ammont dovut lill-attrici, filwaqt li s-socjeta konvenuta nsistiet ukoll li l-iskambjar tac-cekkijiet kellu jsir ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-attrici. L-attrici ma rieditx tirrinunzja ghad-drittijiet taghha. Kien ghalhekk li l-attriċi ma hallsitx in-notice money dovut minnha.

Bl-ispejjez"

Ra l-verbal tat-3 ta' Lulju, 2012 fejn "*il-partijiet qeghdin jiddikjaraw illi huma ser jiskambjaw pagamenti in kwantu ghas-somma ta' €787.44, ser tithallas mill-attrici in kontanti lil kumpanija konvenuta filwaqt li l-kumpanija konvenuta ser thallas is-somma ta' €1043.39. Dan kollu minghajr preġudizzju ghal mertu tal-kawza in kwantu msejsa fuq il-pretenzjonijiet tal-performance bonus. Konsegwentement l-attrici tobbliga ruhha li wara li tirċievi l-imsemmi*

*pagament, tirtira kull proċedura minnha kkostitwita tramite d-dipartiment tal-Labour Office. Dan kollox sa nhar il-Gimgha 6 ta' Lulju 2012. F'kaz li l-pagament ma jsehhx sas-6 ta' Lulju 2012 il-partijiet ma jibqghux marbutin b'dan il-verbal*" (fol. 15).

Ra l-verbal tas-6 ta' Lulju, 2012 fejn "*Dr Lattughi tiddikjara li l-mertu tal-kontro-talba llum gie eżawrit u li kif ukoll l-attrici qeghda tirriduci t-talba bl-ammont ta' €1043.39 rapprezentanti l-paga pretiza mill-attrici*" (fol. 31).

Ghalhekk, l-ammont li qeghda tirreklama r-rikorrenti f'dawn il-proceduri huwa ta' €2,220.28. Il-kontro-talba, ghalkemm ma hemmx nota ta' cessjoni jirrizulta li l-mertu taghha gie eżawrit in vista tal-verbal tas-6 ta' Lulju, 2012 u tal-hlas affettwat.

Fl-istess verbali tas-6 ta' Lulju, 2012 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw "***illi l-pretensjonijiet tal-partijiet hija biss fuq il-performance bonus tal-attrici***" (fol. 31).

Ra ukoll il-verbal maghmul mill-Avukat Dr. Reuben Farrugia ghan-nom tas-socjeta intimata fit-28 ta' Novembru, 2012 fejn talab li kopja ta' dan il-verbal jiġi kkomunikat lid-direttur ġenerali tad-Dipartiment tar-Relazzjoni u Impjieg sabiex hu personalment wara li jiehu konjizzjoni tax-xhieda moghtija minn Jonathan Caruana jaghti spjegazzjoni. It-Tribunal, in vista ta' dak li ser jiġi deċiż aktar il-quddiem f'din is-sentenza qed jichad din it-talba.

Ra l-ahhar verbal tal-20 ta' Frar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba – wara li gew skambjati xi pagamenti bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza – ir-rikorrenti qeghda titlob minghand is-socjeta intimata l-hlas tas-somma ta’ €2,220.28 u dan ghal *performance bonus* li hija tghid li huwa dovut lilha mis-socjeta intimata. Da parti taghha, s-socjeta intimata laqghet ghal din it-talba billi qalet li r-rikorrenti ma hija intitolata ghal ebda *annual performance bonus* u wisq anqas ma hija intitolata ghall-hlas *pro rata* tal-*annual performance bonus*. Ziedet tghid li skond il-kuntratt ta’ impjieg tar-rikorrenti hija tkun intitolata *“to an annual performance bonus of up to three thousand Euro (€3000) based on, amongst other things, agreed KPI’s ...”* Minn dina l-klawsola, kompliet tghid is-socjeta intimata, jirrizulta illi l-*performance bonus* hija kalkolabbli fuq perjodu ta’ sena, u mhux *pro rata* kif qed tippretendi r-rikorrenti u hija ibbażata fuq *targets* li jkollhom jintlahqu mill-istess rikorrenti fl-imsemmi perjodu ta’ sena u dana apparti l-osservanza tal-kundizzjonijiet l-ohra tal-impjieg. Qalet li l-*Key Performance Indicators* (KPI’s) huma indikati fil-kuntratt ta’ impjieg, liema KPI’s ma intlahqux mir-rikorrenti u konsegwentement ma hijiex intitolata ghall-*performance bonus*. Dana japplika, kompliet tghid l-istess soċjetà intimata, ukoll anke li kieku wiehed kellhu jahdem l-istess KPI’s ghab-bazi *pro rata* kif qed tippretendi r-rikorrenti. Ghalqet billi qalet li r-rikorrenti naqset serjament fl-obbligi taghha ta’ *Brand Developer* u konsegwentement il-*performance* taghha ma kienx jiġġustifika l-hlas ta’ *performance bonus*. Konsegwentement talbet li t-talba tar-rikorrenti tiġi michuda bl-ispejjez kontriha[1].

[1] L-ewwel erba’ eċċezzjonijiet tas-socjeta intimata, in vista tal-pagamenti li gew skambjati bejn il-kontendenti fil-mori ta’ din il-kawza ma ghadx ghandhom rilevanza f’dawn il-proceduri. It-Tribunal sejjer jinkwadra din id-decizjoni fuq dak dikjarat mill-partijiet fis-seduta tas- 6 ta’ Lulju, 2012 meta gie dikjarat “***illi l-pretensjonijiet tal-partijiet hija biss fuq il-performance bonus tal-attrici***” (fol. 31).

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti** xehdet u qalet li hi kienet impjegata mas-socjeta intimata. Qalet li meta ddecidiet biex tieqaf mill-impjieg taghha minn mas-socjeta intimata hija kienet waslet fi ftehim mar-rapprezentanti tas-socjeta intimata li *"... naghtihom parti flus ghan-notice li ma kontx ser nahdem u huma jtuni l-paga kollha*" (fol. 16). Meta waslu biex ipartu c-cekkijiet relattivi, Stuart Farrugia, f'isem is-socjeta intimata kien ghaddielha karta biex tiffirma. Ir-rikorrenti rat li hekk malli tiffirma dik il-karta u tirċievi l-pagament li kienet ser tghaddilha s-socjeta intimata, hija ma kien ser ikollha l-ebda dritt sabiex tressaq pretensjonijiet kontra l-istess kumpanija. Meta rat ic-cekk li kienet ippreparat is-socjeta intimata, r-rikorrenti irrejalizzat li *"... ma kienx hemm inkluż il-performance bonus li kien parti mill-paga tieghi*" (fol. 16). B'hekk baqghu ma skambjawx dawn ic-cekkijiet. Sussegwentement hija marret tkellem lil-L*abour Office* u dawn hadmulha l-ammont li hija kellha tiehu minghand is-socjeta intimata. Skond dawn il-*workings* tal-*Labour Office* stqarrew li r-rikorrenti kellha d-dritt tiġbor is-somma ta' €3,263.67c.

B'referenza ghall-*performance bonus*, r-rikorrenti xehdet li hija bdiet tahdem mas-socjeta intimata fis-sena 1998. F'Settembru, 2010 hija hadet promozzjoni ghal *brand manager*. Bdiet tahdem f'din il-kariga qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' impjieg taghha f'din il-kariga l-gdida. F'Dicembru, 2010, kompliet tghid ir-rikorrenti, hija nghatat *"... pro rata l-performance bonus kif kien gie maqbul u ghalhekk ma nistax nifhem kif meta gie biex niġi biex nieqaf mix-xoghol jiena ma nhadimx bl-istess mod il-performance bonus li haqni*" (fol. 17). F'Jannar, 2011 ir-rikorrenti ffirmat il-kuntratt ta' l-impjieg taghha bhala *brand manager*. Qalet li meta ma kellha l-ebda kuntratt iffirmat bhala *brand manager* hija xorta wahda irċeviet il-*performance bonus* u fi kliemha stess *"... dan ikompli jsahhah l-argument tieghi illi haqni nithallas ghal performance bonus il-ghaliex ma kellix xejn iffirmat mas-socjeta konvenuta jiena xorta hadt pro rata tal-performance bonus*" (fol. 17). Dwar l-ammont ta' €750 li r-rikorrenti irċeviet minghand is-socjeta intimata f'Dicembru, 2010, r-rikorrenti qalet li dan huwa l-*performance bonus* mahdum *pro rata* ghal tlett xhur. Il-*performance bonus* huwa ta' tlett elef euro (€3,000) jekk tiddividih bi tnax jiġi mitejn u hamsin euro

(€250) fix-xahar u jekk jiġu multiplikati bi tlett (3) xhur jiġu sebgha mija u hamsin euro (€750). Ir-rikorrenti esebiet kopja tal-*pay slip* taghha ghax-xahar ta' Dicembru, 2010 fejn hemm imniżżel *"company bonus"* €750. Meta hija staqsiet lil Stuart Farrugia x'kien dan il-*company bonus* hija tghid li s-Sur Farrugia kien qalilha li *"... dak kien il-performance bonus li tkellimna dwaru"* (fol. 17). Qalet li meta hija rċeviet dan l-ammont ta' €750 f'Dicembru, 2010 hija fehemet li kienet lahqet il-*Key Performance Indicators* (KPI) ghal dik is-sena.

Ir-rikorrenti esebiet kopja tal-kuntratt ta' impjieg taghha mas-socjeta intimata bhala *brand manager*.

Bejn Jannar, 2011 u Awwissu, 2011 hadd qatt ma gibdilha l-attenzjoni ghal fatt li hija ma kienitx qeghda tipperformja kif suppost bhala *brand manager*. Tant hu hekk li f'April, 2011 is-socjeta intimata kienet taghtha *brand* ġdida.

L-uniku ilment li kien hemm fil-konfront taghha, tghid ir-rikorrenti, ma kienx relatat mal-*performance* taghha u lanqas ma kien relatat mal-post tax-xoghol. Tispjega li *"l-ilment kien jirrigwarda akkuża u cioe inċident li kien sehh meta jiena sfajt attakkata il-Hamrun minn Reuben Balzan impjegat iehor ta' Charles Grech"* (fol. 49). Ir-rikorrenti u dan Balzan kienu johorgu flimkien. Ir-rikorrenti esebiet ukoll kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' April, 2011 fil-konfront ta' dan Reuben Balzan. Qalet ukoll li *"wara dan l-incident jiena erġajt irritornajt lura ghax-xoghol qisu qatt ma gara xejn"* (fol. 49). Fid-19 ta' April, 2011, tkompli tghid ir-rikorrenti hija rċeviet ittra minghand is-socjeta intimata (fol. 68) ghal liema ittra hija wieġbet permezz ta' ittra ohra datata 19 ta' April, 2011 (fol. 71). Wara li hija baghtet l-ittra taghha, hi regghet irritornat lura ghax-xoghol.

Mistoqsija jekk hija qattx inghatat xi twissija minhabba l-fatt li kien hemm nuqqas ta' bejgh f'certu *brands* li hi kienet responsabbli minnhom, ir-rikorrenti wieġbet fin-negattiv. Stqarret li hi qeghda titlob l-ammont kollhu pro rata tal-

*performance bonus* l-ghaliex skond hi kienet issodisfat ir-rekwiziti kollha tas-socjeta intimata. Qalet li skont hi, l-*key performance indicators* ta' kull *brand* li kellha, kollha lahqithom.

3. **Jonathan Caruana**, spettur fid-Dipartiment tax-Xoghol, fit-*terminations section*, qal li fid-9 ta' Settembru, 2011 ir-rikorrenti kienet marret fid-dipartiment u wara li kien sema' l-verzjoni taghha, huwa kien kiteb lis-socjeta intimata. Minkejja diversi trattattivi ma' l-imsemmija soċjetà intimata dwar il-kwistjoni tal-*performance bonus*, baqa ma ntlahaqx ftehim. Bhala raġuni li tat is-socjeta intimata l-ghala r-rikorrenti ma nghatatx l-*performance bonus* ix-xhud qal li hi ma kienitx lahqet il-miri tal-kumpanija u li s-sena ta' hidma ma kinitx ghadha intemmet.

Mistoqsi meta ġiet impjegata r-rikorrenti mas-socjeta intimata, x-xhud qal li skont il-*history sheet* minnu esebita (dok. JC 2 – fol. 50) hija kienet ġiet ingaggata fit-12 ta' Ottubru, 2005.

Meta gie mistoqsi dwar il-fatt jekk huwa kienx staqsa lir-rikorrenti dwar il-*company bonus* ta' €750 li jidher fil-*payslip* ta' Dicembru, 2010 huwa qal li ma kellhux ghalfejn isaqsiha l-ghaliex dan l-ammont ta' €750 huwa pro rata ta' l-ammont ta' €3,000 imsemmi fil-kuntratt ta' impjieg taghha bhala *performance bonus*. Mistoqsi jekk *company bonus* u *performance bonus* humiex l-istess haġa, x-xhud qal li "*jiena wasalt ghal konklużjoni li dak il-company bonus hija performance bonus a bażi ta' l-ittra li l-istess kumpanija baghtet lili fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru elfejn u hdax (2011) u li hi ezebita bhala dok JC9 a fol 95 tal-process meta hemm miktub: Therefore, it is pertinent to point out that the company is under no legal obligation or otherwise to pay any bonus. Moreover it has always been the companys practice that the granting of a bonus is calculated on an annual twelve (12) month performance period*" (fol. 74-75). Zied ighid li meta huwa kiteb lis-socjeta intimata huwa talabha sabiex thallas il-*performance bonus* skond il-kuntratt ghall-perjodu l-1 ta' Jannar, 2011 u l-25 ta' Awwissu, 2011. Dan ghamlu a bażi tal-fatt li f'Dicembru, 2010 hija kienet inghatat *company bonus* ghat-tlett xhur li ghamlet f'din il-kariga. Kompla

jghid li hu però ma kienx jaf jekk ir-rikorrenti kienitx lahqet il-*key performance indicators* tal-kumpanija f'dan il-perjodu bejn Jannar u Awwissu, 2011. Mistoqsi kif jispjega l-fatt li meta huwa kien kiteb l-ewwel ittra lis-socjeta intimata datata 14 ta' Settembru, 2011, huwa, ghan-nom tar-rikorrenti, kien talab il-hlas ta' €3,263.67c u imbaghad meta kiteb it-tieni ittra datata 16 ta' Marzu, 2012 huwa talab il-hlas ta' €1,313.75, ix-xhud qal li l-kalkoli fl-ewwel ittra kienu riżultat ta' l-istharrig li kien ghamel mar-rikorrenti qabel ma kien kellem lis-socjeta intimata. Meta s-socjeta intimata kienet wieġbet ghall-ewwel ittra tieghu u wara li huwa ikkonsulta ma l-avukat tad-dipartiment, din il-kwistjoni tal-*performance bonus* ma baqghetx tiġi sostnuta mid-dipartiment u dan peress li d-dipartiment ma setax jiehu proċeduri kontra d-diretturi tal-kumpanija intimata dwar dan l-aspett.

4. **Stephen Ellul**, *general manager* tas-socjeta intimata qal li f'Ottubru, 2010 ir-rikorrenti kienet inghatat promozzjoni ghal *brand manager*. Dan kien proprju fiz-zmien li s-socjeta intimata kienet bdiet tintroduċi l-kuncett ta' *key performance indicators*. Dawn il-KPI's, kompla qal ix-xhud, "*jahdmu fuq varji binarji, jahdmu fuq turn over, targets, stock levels, market penetration, relazzjoni li jkollok vis-a-vis il-management u l-principles tal-kumpanija*" (fol. 87). Il-KPI's jinhadmu fuq bażi ta' sena.

   B'referenza ghas-somma ta' €750 ix-xhud qal li "*peress illi sal-ahhar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ovvjament u d-data li hadet il-hatra hi ma kienx hemm perjodu ta' sena u biex il-kumpanija taghti ncentiva lill-impjegati taghha sabiex ghas-sena ta' wara jilhqu u jitjiebu fix-xoghol taghhom kienet iddeċidiet li taghti forma ta' bonus ta' sebgha mija u hamsin euro (€750), fil-fatt dawn is-sebgha mija u hamsin euro (€750) kienu company bonus u r-rikorrenti rriferiet ghalihom bhala KPI*" (fol. 87).

   Fl-20 ta' Jannar, 2011 imbaghad ir-rikorrenti iffirmat il-kuntratt tax-xoghol mas-socjeta intimata bhala *brand manager*. Ix-xhud jghid li l-*performance* tar-rikorrenti beda minn dak-in-nhar li gie ffirmat il-kuntratt. L-evalwazzjoni taghha ukoll beda minn dak-in-nhar.

Kompla jghid li bejn Jannar u Awwissu, 2011 kien hemm diversi inċidenti u li kienet inġibdet l-attenzjoni ghalihom mid-dirigenti tas-socjeta intimata. Dan kemm b'mod verbali kif ukoll bil-miktub. Isemmi eżempju tal-King Edwards fejn kien hemm *over stocking*. Semma ukoll kaz fejn kien hawn Malta rappreżentant tal-Japan International Tabacco u waqt laqgha li kellhom kien gie indikat lix-xhud li huwa ma kienx kuntent bil-*performance* tar-rikorrenti u dan peress li ma kienitx tkun preparata ghal-laqghat u li l-*performance* taghha kien qieghed jonqos. Wara li telaq dan ir-rapprezentant huwa kien baghat ghar-rikorrenti u hi ma kienitx innegat dak li kien qal ir-rapprezentant tal-JTI dwarha. Taghtu l-kelma taghha li hija kienet sejra tindirizza dawn il-problemi. Qal ukoll li Reuben Balzan, li kien *sales representative* mas-socjeta intimata kien ikun jaf affarijiet li kienu jiddiskutu l-*brand managers* u d-dirigenti tas-socjeta intimata. Anke hawn, huwa kien baghat ghar-rikorrenti u kien spjegalha li hija ma setatx tiddiskuti dawn l-affarijiet mieghu. Kompla jghid li huwa ma kienx hargilha twissija bil-miktub l-ghaliex dehrlu li kienet fehmet dak li kien qalilha. Qal li fil-livell tal-*management* li kienet ir-rikorrenti l-*policy* tas-socjeta intimata hija li kemm jista jkun ma jinhargux twissijiet bil-miktub. Kien hemm imbaghad l-incident li kien deher fuq il-gazzetti lokali bejn ir-rikorrenti u s-sieheb taghha Reuben Balzan. Dwar dan l-episodju kienet inharget twissija bil-miktub lit-tnejn li huma u kienu dahlu lura ghax-xoghol wara li dawn, baghtu tweġiba bil-miktub ghall-imsemmija twissija.

Mistoqsi dwar xi perċentaġġ li seta jaghti lir-rikorrenti ghax-xoghol li ghamlet bejn Jannar u Awwissu, 2011, ix-xhud qal li "*nghid bl-aktar mod sinċier illi jiena ma stajt intiha l-ebda perċentaġġ meta nara l-performance taghha fuq dawk is-sebgha tmien xhur*" (fol. 88).

Fix-xhieda moghtija minnu fil-15 ta' Lulju, 2013 x-xhud stqarr li r-rikorrenti ma lahqitx is-*sales target* hlief ghas-sigarri kubani li ghaddiethom b'margini ta' 5.17%. Imbaghad ghar-rigward tal-*adequate stock levels established from time to time* ix-xhud qal li r-rikorrenti anke hawn falliet. Kien hemm sahansitra okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti kienet ordnat aktar affarijiet milli s-socjeta

intimata solitament tbiegh f'sena u li b'konsegwenza ta' dan sabiex l-istess soċjetà tehles mill-istock żejjed li kellha hija kellha tonfoq il-flus biex taghmel il-promozzjonijiet ghal dawn il-prodotti. Kien hemm ukoll okkazzjoni fejn ir-rikorrenti kienet ordnat partita sigaretti meta kien hemm il-kwistjoni tal-*lower ignition propensity*. Minhabba f'hekk, is-socjeta intimata ma setatx tbiegh dawn is-sigaretti l-ghaliex kienet ghaddiet il-ligi li kienet tipprojbixxi l-bejgh ta' dawn is-sigaretti. Huwa qal li suppost kulhadd kien jaf li kienet diehla din il-ligi iżda minkejja dan, ir-rikorrenti xorta wahda ordnat dawn is-sigaretti. L-istess haġa kienet falliet ukoll fir-rigward tat-*time and accurate reports*. Ix-xhud qal li "*in vista ta' dan kollu li ghadni kif ghidt żgur illi ma stajtx nassesja lir-rikorrenti f'aspett posittiv, kien ghalhekk illi ahna ma tajnihix il-performance bonus. Il-bord tad-diretturi kien wasal ghal konklużjoni illi r-rikorrenti ma tiehux il-performance bonus a bażi ta' dak kollu li ghadni kif xhedt*" (fol. 92D).

Mistoqsi in kontro-ezami jekk is-somma ta' €750 inghatax lill-impjegati tal-kumpanija kollha x-xhud wieġeb fin-negattiv. Ghalkemm inghata lil kulhadd, hlief ghal xi eċċezzjoni jew tnejn, mhux l-impjegati kollha hadu dan l-ammont. Qal li kien hemm *bonus* fis ghall-impjegati *non-managerial* u ghall-impjegati li kienu jokkupaw kariga maniġerjali kien hemm *bonus* iehor skont il-kariga tal-persuna. Il-*bonus* li inghatat ir-rikorrenti fl-ahhar tas-sena 2010 kien aktar *ex gratia bonus* milli xi haġa ohra. Il-*key performance indicators* kienu gew stabbiliti ghas-sena ta' wara. Kompla jispjega li bejn *bonus* u l-*key performance indicators* hemm differenza. Qal li "*il-kumpanija hija maghmula minn tnejn, management u non management. Fejn jidhol il-kategorija tal-management li r-rikorrenti kienet diehla fiha fis-sena ta' wara hemm sistema fejn il-KPI huma marbutin mal-kuntratt tax-xoghol. Ghadna sistema li tahdem bil-percentaggi u li hija bażata fuq diversi livelli fejn fl-ahhar tas-sena jiġi evalwat il-performance tal-impjegat u dak l-impjegat jiehu l-performance ... korrezzjoni ... jiehu l-bonus relatat ma' dik il-performance*" (fol. 102). Wara jkun hemm diskussjoni ma' l-impjegat dwar dak li jkun wettaq l-impjegat u a bażi ta' dan kollu isir qbil fuq l-ammont li ghandu jinghata. Din hija s-sistema li bdiet tintuża mis-socjeta intimata minn Jannar 2011 lil hawn. Din hija s-sistema li ghadha tintuża sal-lum.

Ix-xhud qal li fuq il-*pay slip* ikun hemm *performance bonus* u *bonus* jew *company bonus* li jkunu distinti minn xulxin. Jghid li "*... ma jkunx hemm jiġifieri heading wiehed ta' bonus li jaqghu fit-tnejn*" (fol. 103).

Wara li s-socjeta intimata kienet wissiet lir-rikorrenti dwar l-episodju li kien inqala u li fih kien hemm involut Reuben Balzan, l-istess soċjetà intimata taghtha prodott iehor biex tiehu hsieb. Dan, skond ix-xhud kien sabiex hija tkun motivata tahdem iżjed.

Ix-xhud qal ukoll li l-ordnijiet jiġu awtorizzati minnu wara li dawn ikunu evalwaw l-ordni huma. Huwa jaghmel l-ordni li tkun rikjesta mill-*brand manager* fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess *brand manager*. Kompla jghid li "*jiena żgur mhux ser noqghod nidhol biex nivverifika jekk l-ammont li jindikali l-brand manager huwiex korrett jew le sakemm xi haġa straordinarju*" (fol. 104-105).

Mistoqsi jekk huwa kienx ta twissija bil-miktub lir-rikorrenti meta kien hemm l-*overstocking* tas-sigarri tad-ditta King Edwards, ix-xhud wieġeb fin-negattiv u qal li huwa kien ta twissija verbali.

Dwar it-twissija li kienet inghatat meta kien deher isem ir-rikorrenti fuq il-gazzetta, kopja ta' liema ġiet esebita f'dawn l-atti, x-xhud qal li ghalkemm is-socjeta intimata ma tissemmiex direttament, din tissemma indirettament. Huwa qal li meta il-gazzetta ġabet isem ir-rikorrenti u s-*sales representative* taghhom Reuben Balzan, "*... kien hemm klijenti li ċemplu lili direttament biex jistaqsuni x'kien gara peress illi allaccaw il-fatt li Reuben Balzan u Tiziana Lijanic jahdmu mas-socjeta minni rapprezentata*" (fol. 106). Dwar dan il-kaz, is-socjeta intimata kellha tiehu miżuri biex tara li z-zewg impjegati ma jkunux qeghdin xoghol fl-istess hin u kien hemm anke *concern* mill-impjegati nisa ghar-rigward ta' dan Reuben Balzan ghax ma hassewhomx komdi jahdmu mieghu.

B'referenza ghad-dokumenti li huwa esebixxa fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2013, ix-xhud qal li dawn id-dokumenti gew ippreparati minnu u mill-*management team* tas-socjeta intimata. Dawn id-dokumenti huwa ma kienx ghaddiehom lir-rikorrenti u hi ma kienitx taf b'dawn il-percentwali. Ix-xhud qabel mal-fatt li kien hemm żmien meta l-bejgh tas-sigaretti kien naqas u dan minhabba l-ligi li kienet dahlet fejn riedu jġibu stampi fuq il-pakketti tas-sigaretti.

Mistoqsi dwar it-tlett mitt (300) kartuna sigaretti li intremew mis-socjeta intimata minhabba li kienet inbidlet il-ligi u jekk l-istess soċjetà intimata tqis dana bhala xi haġa serja, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi l-ghala allura s-socjeta intimata ma hargitx twissija bil-miktub fil-konfront tar-rikorrenti, x-xhud qal li s-socjeta intimata indunat b'dan il-fatt wara li r-rikorrenti kienet telqet u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li tinhareg twissija bil-miktub.

5. Minn qari tal-kuntratt ta' impjieg datat 20 ta' Jannar, 2011 (fol. 24 et seq) jirrizulta li r-rikorrenti kienet ġiet impjegata bhala "... *Brand Developer Cigarettes & Tobacco with effect from 1st October 2010, ...*". Insibu ukoll fil-klawsola numru 5.1.2 ta' l-imsemmi kuntratt li "*The Employee shall be entitled to an annual performance bonus of up to three thousand Euro (€3,000) based on, amongst other things, agreed KPI's*" (fol. 25).

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Il-kwistjoni li ghandu quddiemu dan it-Tribunal huwa dwar jekk ir-rikorrenti jisthoqqiliex tiehu l-performance *bonus* bejn Jannar u d-19 ta' Awwissu, 2011. Ir-rikorrenti f'dan ir-rigward titlob is-somma ta' elfejn mitejn u tmien euro u tmienja u ghoxrin ċenteżmu ta' euro [€2,220.28]. Jirrizulta lit-Tribunal, minn qari tal-kuntratt ta' impjieg, li l-ammont ta' €3,000 imsemmi fil-kuntratt huwa wiehed ikkwalifikat u dan fis-sens li qabel ic-cifra msemmija hemm il-kliem "*up to*" li jfisser li dan l-ammont ma huwiex wiehed fis u garantit u li dejjem jinghata. Kien ghalhekk li x-xhud Stephen Ellul qal li "*... ikun hemm diskussjoni mal-impjegat konċernat, ikun hemm il-qbil fuq dak li jkun ser jinghata u dak illi*

*jkun wettaq matul is-sena, din hija s-sistema li bdejna f'Jannar tas-sena elfejn u hdax u ghadna nutilizaw sal-lum*" (fol. 102). Ghalhekk ma hemm xejn garantit li l-impjegat ser jirċievi l-massimu tal-*performance bonus*. L-uniku haġa ċerta li hemm huwa li dan il-*performance bonus* ma jistax jeċċedi t-€3,000. Pero minimu ma hemmx.

7. Jekk it-Tribunal kellhu jiehu l-ammont ta' €2,220.28[2] u cioe l-ammont reklamat mir-rikorrenti, hija xorta wahda baghet ma spjegatx kif dan l-ammont gie mahdum. Jirrizulta li r-rikorrenti kienet bdiet l-impjieg taghha fil-kariga ta' *brand manager* fl-1 ta' Ottubru, 2010 (ara klawsola numru wiehed (1) tal-kuntratt ta' impjieg a fol. 24). Is-sistema tal-*key performance indicators* ġiet introdotta mis-socjeta intimata f'Jannar tas-sena 2011. Abbazi ta' dawn il-*key performance indicators*, u fatturi ohra, kellhu jinhadem l-*annual performance bonus* skond il-kuntratt ta' impjieg ġdid li gie debitament iffirmat mir-rikorrenti fl-20 ta' Jannar, 2011 (fol. 24).

8. Jekk it-Tribunal kellhu jiehu l-ammont massimu ta' €3,000 u jiddividieh b'tlett mija hamsa u sittin ġurnata (sena) jiġi li r-rikorrenti kienet tkun intitolata "*up to*" €8.22 kuljum. Bejn l-1 ta' Jannar, 2011 u d-19 ta' Awwissu, 2011 (l-ahhar ġurnata xoghol li ghamlet ir-rikorrenti mas-socjeta intimata hemm mitejn u wiehed u tletin (231) ġurnata. Jekk timmultiplika l-ammont ta' 231 bl-ammont ta' €8.22 jigi l-ammont ta' €1,898.63c. Dan huwa l-ammont li r-rikorrenti setat potenzjalment tircievi bhala *performance bonus* ghaz-zmien li hija ghamlet tahdem mas-socjeta intimata.

9. It-Tribunal jaqbel ukoll li dan l-ammont kellhu jinhadem fuq bażi ta' sena l-ghaliex kummerċjalment ma jaghmilx sens li wiehed joqghod jaghmel *performance bonus* kull tlett xhur jew kull sitt xhur l-ghaliex l-impjegat jaf jahdem bla waqfien l-ewwel tlett jew sitt xhur, jiehu l-*performance bonus* ghal dak iz-zmien imbaghad ghar-rimanenti żmien li jkun ghad fadal tas-sena ma jkollu l-ebda inċentiv biex jaghmel hiltu halli jilhaq it-*targets* mistennija minnu.

[2] Fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012 (fol. 37) Dr. Valentina Lattughi ghar-rikorrenti ddikjarat li l-mertu tal-kontro-talba llum gie ezawrit u li r-rikorrenti kienet qeghda tirriduci t-talba taghha bl-ammont ta' €1,043.39 rapprezentanti dan l-ahhar ammont l-paga li r-rikorrenti kienet qeghda tippretendi. Allura jekk mill-ammont oriġinarjament reklamat ta' €3,263.67 titnaqqas s-somma ta' €1,043.39 jigi l-ammont ta' €2,220.28c.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li dan il-*performance bonus* kellhu jinhadem fuq bażi ta' sena. Del resto hekk jghid il-kuntratt. Il-klema *annual* ma thalli l-ebda dubbju f'dan ir-rigward. Pero t-Tribunal jaqbel li jekk impjegat ma jibqax jahdem mad-datur tax-xoghol tieghu, huwa ghandu d-dritt li l-*performance bonus* tieghu jinhadem pro rata ghaz-zmien kollu li huwa ghamel f'dak l-impjieg. Hekk ser jiġri f'dan il-kaz.

10. Qabel ma t-Tribunal jinoltra ruhu fuq dan il-punt, huwa jixtieq jippuntwalizza li r-rikorrenti stqarret li hija fl-ahhar tas-sena 2010 kienet irċeviet s-somma ta' €750 minghand is-socjeta intimata. Dan l-ammont, skond ir-rikorrenti inhadem billi ttiehdet is-somma ta' €3,000 u ġiet diviża f'erbgha. Dan peress li hija kienet bdiet tahdem fil-kariga ta' *brand manager* fl-1 ta' Ottubru, 2010 u bejn din id-data u l-31 ta' Dicembru, 2010 hemm eżattament tlett (3) xhur. Is-socjeta intimata, tramite r-rapprezentant taghha Stephen Ellul innega dan il-fatt u qal li dan il-*company bonus* (ara l-*payslip* li hemm a fol. 23) inghata, mhux neċessarjament fl-istess ammont, lill-impjegati kollha salv ghal xi impjegat jew tnejn bhala inċentiva. L-istess Stephen Ellul f'dan ir-rigward jghid li "*peress illi sal-ahhar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ovvjament u d-data li hadet il-hatra hi ma kienx hemm perjodu ta' sena u biex il-kumpanija taghti ncentiva lill-impjegati taghha sabiex ghas-sena ta' wara jilhqu u jitjiebu fix-xoghol taghhom kienet iddeċidiet li taghti forma ta' bonus ta' sebgha mija u hamsin euro (€750), fil-fatt dawn is-sebgha mija u hamsin euro (€750) kienu company bonus u r-rikorrenti rriferiet ghalihom bhala KPI*" (fol. 87). It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn din l-ispjega u qieghed fil-fatt jaċċettaha.

11. Nghaddu issa ghal mertu tat-Talba. Mid-deposizzjoni <u>tar-rikorrenti</u> nsibu li:

- skond hi, f'Settembru, 2010 hija hadet promozzjoni ghal *brand manager*. It-Tribunal jirrileva li l-kuntratt iffirmat mir-rikorrenti fl-20 ta' Jannar, 2011 jitkellem dwar l-1 ta' Ottubru, 2011 (fol. 24).
- hi bdiet tahdem f'din il-kariga qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' impjieg taghha f'din il-kariga l-gdida.
- f'Dicembru, 2010, hija nghatat "... *pro rata l-performance bonus kif kien gie maqbul u ghalhekk ma nistax nifhem kif meta gie biex niġi biex nieqaf*

*mix-xoghol jiena ma nhadimx bl-istess mod il-performance bonus li haqni*" (fol. 17). It-Tribunal jirrileva li skond il-*payslip* li hemm esebita a fol. 23 hemm il-kliem *company bonus*.

- F'Jannar, 2011 ir-rikorrenti ffirmat il-kuntratt ta' l-impjieg taghha bhala *brand manager*.
- meta ma kellha l-ebda kuntratt iffirmat bhala *brand manager* hija xorta wahda irċeviet il-*performance bonus* u fi kliemha stess "*... dan ikompli jsahhah l-argument tieghi illi haqni nithallas ghal performance bonus il-ghaliex ma kellix xejn iffirmat mas-socjeta konvenuta jiena xorta hadt pro rata tal-performance bonus*" (fol. 17).
- dwar l-ammont ta' €750 li r-rikorrenti irċeviet minghand is-socjeta intimata f'Dicembru, 2010, r-rikorrenti qalet li dan huwa l-*performance bonus* mahdum *pro rata* ghal tlett xhur.
- l-*performance bonus* huwa ta' tlett elef euro (€3,000) jekk tiddividih bi tnax jiġi mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar u jekk jiġu multiplikati bi tlett (3) xhur jiġu sebgha mija u hamsin euro (€750).
- kopja tal-*pay slip* taghha ghax-xahar ta' Dicembru, 2010 fejn hemm imniżżel "*company bonus"* €750.
- skond hi, Stuart Farrugia kien qalilha li "*... dak kien il-performance bonus li tkellimna dwaru*" (fol. 17).
- meta hija rċeviet dan l-ammont ta' €750 f'Dicembru, 2010 hija fehemet li kienet lahqet il-*Key Performance Indicators* (KPI) ghal dik is-sena.
- bejn Jannar, 2011 u Awwissu, 2011 hadd qatt ma gibdilha l-attenzjoni ghal fatt li hija ma kienitx qeghda tipperformja kif suppost bhala *brand manager*. Tant hu hekk li f'April, 2011 is-socjeta intimata kienet taghtha *brand* ġdida.
- l-uniku ilment li kien hemm fil-konfront taghha, tghid ir-rikorrenti, ma kienx relatat mal-*performance* taghha u lanqas ma kien relatat mal-post tax-xoghol. Tispjega li "*l-ilment kien jirrigwarda akkuża u cioe inċident li kien sehh meta jiena sfajt attakkata il-Hamrun minn Reuben Balzan impjegat iehor ta' Charles Grech*" (fol. 49). Ir-rikorrenti u dan Balzan kienu johorgu flimkien. Ir-rikorrenti esebiet ukoll kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' April, 2011 fil-konfront ta' dan Reuben Balzan. Qalet ukoll li "*wara dan l-incident jiena erġajt irritornajt lura ghax-xoghol qisu qatt ma gara xejn*" (fol. 49). Fid-19 ta'

April, 2011, tkompli tghid ir-rikorrenti hija rċeviet ittra minghand is-socjeta intimata (fol. 68) ghal liema ittra hija wieġbet permezz ta' ittra ohra datata 19 ta' April, 2011 (fol. 71). Wara li hija baghtet l-ittra taghha, hi regghet irritornat lura ghax-xoghol.

- meta ġiet mistoqsija, mid-difensur tas-socjeta intimata, jekk hija qattx inghatat xi twissija minhabba l-fatt li kien hemm nuqqas ta' bejgh f'certu *brands* li hi kienet responsabbli minnhom, ir-rikorrenti wieġbet fin-negattiv.
- hi qeghda titlob l-ammont kollhu pro rata tal-*performance bonus* l-ghaliex skond hi kienet issodisfat ir-rekwiziti kollha tas-socjeta intimata. Qalet li skont hi, l-*key performance indicators* ta' kull *brand* li kellha, kollha lahqithom.

12. Mid-deposizzjoni ta' <u>Stephen Ellul</u>, *general manager* tas-socjeta intimata nsibu li:

- f'Ottubru, 2010 ir-rikorrenti kienet inghatat promozzjoni ghal *brand manager*.
- dan kien proprju fiz-zmien li s-socjeta intimata kienet bdiet tintroduċi l-kuncett ta' *key performance indicators*. Dawn il-KPI's, kompla qal ix-xhud, "*jahdmu fuq varji binarji, jahdmu fuq turn over, targets, stock levels, market penetration, relazzjoni li jkollok vis-a-vis il-management u l-principles tal-kumpanija*" (fol. 87). Il-KPI's jinhadmu fuq bażi ta' sena.
- b'referenza ghas-somma ta' €750 ix-xhud qal li "*peress illi sal-ahhar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ovvjament u d-data li hadet il-hatra hi ma kienx hemm perjodu ta' sena u biex il-kumpanija taghti ncentiva lill-impjegati taghha sabiex ghas-sena ta' wara jilhqu u jitjiebu fix-xoghol taghhom kienet iddeċidiet li taghti forma ta' bonus ta' sebgha mija u hamsin euro (€750), fil-fatt dawn is-sebgha mija u hamsin euro (€750) kienu company bonus u r-rikorrenti rriferiet ghalihom bhala KPI*" (fol. 87).
- fl-20 ta' Jannar, 2011 ir-rikorrenti iffirmat il-kuntratt tax-xoghol mas-socjeta intimata bhala *brand manager*.
- l-*performance* tar-rikorrenti beda minn dak-in-nhar li gie ffirmat il-kuntratt. L-evalwazzjoni taghha ukoll beda minn dak-in-nhar.

- bejn Jannar u Awwissu, 2011 kien hemm diversi inċidenti u li kienet inġibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti ghalihom mid-dirigenti tas-socjeta intimata. Dan kemm b'mod verbali kif ukoll bil-miktub.
- Bhala eżempji semma:
  - l-kaz tal-King Edwards fejn kien hemm *over stocking*.
  - l-kaz fejn kien hawn Malta rappreżentant tal-Japan International Tabacco u waqt laqgha li kellhom kien gie indikat lix-xhud li huwa ma kienx kuntent bil-*performance* tar-rikorrenti u dan peress li ma kienitx tkun preparata ghal-laqghat u li l-*performance* taghha kien qieghed jonqos. Wara li telaq dan ir-rapprezentant huwa kien baghat ghar-rikorrenti u hi ma kienitx innegat dak li kien qal ir-rapprezentant tal-JTI dwarha. Taghtu l-kelma taghha li hija kienet sejra tindirizza dawn il-problemi.
  - li Reuben Balzan, li kien *sales representative* mas-socjeta intimata u kien ghamel xi żmien johrog mar-rikorrenti qabel ma nqala l-episodju ta' vjolenza bejniethom, kien ikun jaf affarijiet li kienu jiddiskutu l-*brand managers* u d-dirigenti tas-socjeta intimata. Anke hawn, huwa kien baghat ghar-rikorrenti u kien spjegalha li hija ma setatx tiddiskuti dawn l-affarijiet mieghu.
- huwa ma kienx hargilha twissija bil-miktub l-ghaliex dehrlu li kienet fehmet dak li kien qalilha. Qal li fil-livell tal-*management* li kienet ir-rikorrenti l-*policy* tas-socjeta intimata hija li kemm jista jkun ma jinhargux twissijiet bil-miktub.
- kien hemm imbaghad l-incident li kien deher fuq il-gazzetti lokali bejn ir-rikorrenti u s-sieheb taghha Reuben Balzan. Dwar dan l-episodju kienet inharget twissija bil-miktub lit-tnejn li huma u kienu dahlu lura ghax-xoghol wara li dawn, baghtu tweġiba bil-miktub ghall-imsemmija twissija.
- meta gie mistoqsi dwar xi perċentaġġ li seta jaghti lir-rikorrenti ghax-xoghol li ghamlet bejn Jannar u Awwissu, 2011, huwa qal li "*nghid bl-aktar mod sinċier illi jiena ma stajt intiha l-ebda perċentaġġ meta nara l-performance taghha fuq dawk is-sebgha tmien xhur*" (fol. 88).
- r-rikorrenti ma lahqitx is-*sales target* hlief ghas-sigarri kubani li ghaddiethom b'margini ta' 5.17%.

- ghar-rigward tal-*adequate stock levels established from time to time* huwa qal li r-rikorrenti anke hawn falliet.
- kien hemm sahansitra okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti kienet ordnat aktar affarijiet milli s-socjeta intimata solitament tbiegh f'sena u li b'konsegwenza ta' dan sabiex l-istess soċjetà tehles mill-istock żejjed li kellha hija kellha tonfoq il-flus biex taghmel il-promozzjonijiet ghal dawn il-prodotti.
- kien hemm ukoll okkazzjoni fejn ir-rikorrenti kienet ordnat partita sigaretti meta kien hemm il-kwistjoni tal-*lower ignition propensity*. Minhabba f'hekk, is-socjeta intimata ma setatx tbiegh dawn is-sigaretti l-ghaliex kienet ghaddiet il-ligi li kienet tipprojbixxi l-bejgh ta' dawn is-sigaretti. Huwa qal li suppost kulhadd kien jaf li kienet diehla din il-ligi iżda minkejja dan, ir-rikorrenti xorta wahda ordnat dawn is-sigaretti.
- kienet falliet ukoll fir-rigward tat-*time and accurate reports*. Huwa qal li "*in vista ta' dan kollu li ghadni kif ghidt żgur illi ma stajtx nassesja lir-rikorrenti f'aspett posittiv, kien ghalhekk illi ahna ma tajnihix il-performance bonus. Il-bord tad-diretturi kien wasal ghal konklużjoni illi r-rikorrenti ma tiehux il-performance bonus a bażi ta' dak kollu li ghadni kif xhedt*" (fol. 92D).
- l-ammont ta' €750 ma inghatax lill-impjegati tal-kumpanija kollha. Ghalkemm inghata lil kulhadd, hlief ghal xi eċċezzjoni jew tnejn, mhux l-impjegati kollha hadu dan l-ammont. Qal li kien hemm *bonus* fiss ghall-impjegati *non-managerial* u ghall-impjegati li kienu jokkupaw kariga maniġerjali kien hemm *bonus* iehor skont il-kariga tal-persuna. Il-*bonus* li inghatat ir-rikorrenti fl-ahhar tas-sena 2010 kien aktar *ex gratia bonus* milli xi haġa ohra.
- l-*key performance indicators* kienu gew stabbiliti ghas-sena ta' wara.
- bejn *bonus* u l-*key performance indicators* hemm differenza. Qal li "*il-kumpanija hija maghmula minn tnejn, management u non management. Fejn jidhol il-kategorija tal-management li r-rikorrenti kienet diehla fiha fis-sena ta' wara hemm sistema fejn il-KPI huma marbutin mal-kuntratt tax-xoghol. Ghadna sistema li tahdem bil-percentaggi u li hija bażata fuq diversi livelli fejn fl-ahhar tas-sena jiġi evalwat il-performance tal-impjegat u dak l-impjegat jiehu l-performance ... korrezzjoni ... jiehu l-bonus relatat ma' dik il-performance*" (fol. 102). Wara jkun hemm

diskussjoni ma’ l-impjegat dwar dak li jkun wettaq l-impjegat u a bażi ta’ dan kollu isir qbil fuq l-ammont li ghandu jinghata. Din hija s-sistema li bdiet tintuża mis-socjeta intimata minn Jannar 2011 lil hawn. Din hija s-sistema li ghadha tintuża sal-lum.

- li fuq il-*pay slip* ikun hemm *performance bonus* u *bonus* jew *company bonus* li jkunu distinti minn xulxin. Qal li “*... ma jkunx hemm jiġifieri heading wiehed ta’ bonus li jaqghu fit-tnejn*” (fol. 103).
- wara li s-socjeta intimata kienet wissiet lir-rikorrenti dwar l-episodju li kien inqala u li fih kien hemm involut Reuben Balzan, l-istess soċjetà intimata taghtha prodott iehor biex tiehu hsieb. Dan, skond hu kien sabiex hija tkun motivata tahdem iżjed.
- li l-ordnijiet jiġu awtorizzati minnu wara li l-*brand maniġers* ikunu evalwaw l-ordni huma. Huwa jaghmel l-ordni li tkun rikjesta mill-*brand manager* fuq rakkomandazzjoni ta’ l-istess *brand manager*. Kompla qal li “*jiena żgur mhux ser noqghod nidhol biex nivverifika jekk l-ammont li jindikali l-brand manager huwiex korrett jew le sakemm xi haġa straordinarju*” (fol. 104-105).
- huwa ma kienx ta twissija bil-miktub lir-rikorrenti meta kien hemm l-*overstocking* tas-sigarri tad-ditta King Edwards, però kien ta twissija verbali.
- dwar it-twissija bil-miktub li kienet inghatat meta kien deher isem ir-rikorrenti fuq il-gazzetta, kopja ta’ liema ġiet esebita f’dawn l-atti, huwa qal li ghalkemm is-socjeta intimata ma tissemmiex direttament, din tissemma indirettament. Kompla qal li meta il-gazzetta ġabet isem ir-rikorrenti u s-*sales representative* taghhom Reuben Balzan, “*... kien hemm klijenti li ċemplu lili direttament biex jistaqsuni x’kien gara peress illi allaccaw il-fatt li Reuben Balzan u Tiziana Lijanic jahdmu mas-socjeta minni rapprezentata*” (fol. 106). Dwar dan il-kaz, is-socjeta intimata kellha tiehu miżuri biex tara li z-zewg impjegati ma jkunux qeghdin xoghol fl-istess hin u kien hemm anke *concern* mill-impjegati nisa ghar-rigward ta’ dan Reuben Balzan ghax ma hassewhomx komdi jahdmu mieghu.
- li d-dokumenti li hemm esebiti a fol. 92E gew ippreparati minnu u mill-*management team* tas-socjeta intimata. Dawn id-dokumenti huwa ma kienx ghaddiehom lir-rikorrenti u hi ma kienitx taf b’dawn il-percentwali.

- kien jaqbel mal-fatt li kien hemm żmien meta l-bejgh tas-sigaretti kien naqas u dan minhabba l-ligi li kienet dahlet fejn riedu jġibu stampi fuq il-pakketti tas-sigaretti.
- dwar it-tlett mitt (300) kartuna sigaretti li intremew mis-socjeta intimata minhabba li kienet inbidlet il-ligi u jekk l-istess soċjetà intimata tqis dana bhala xi haġa serja, huwa wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi l-ghala allura s-socjeta intimata ma hargitx twissija bil-miktub fil-konfront tar-rikorrenti, huwa stqarr li s-socjeta intimata indunat b'dan il-fatt wara li r-rikorrenti kienet telqet u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li tinhareg twissija bil-miktub.

13.Minn qari tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti jirrizulta li l-*key performance indicators* ghalkemm importanti, ma kienux l-uniku oġġett li s-socjeta intimata kienet tuża sabiex tasal ghal-*annual performance bonus*. F'dan ir-rigward insibu fil-klawsola numru 5.1.2 tal-kuntratt ta' impjieg li "*The Employee shall be entitled to an annual performance bonus of up to three thousand Euro (€3,000)* ***based on, amongst other things****, agreed KPI's*" (fol. 25) sottolinejar u enfazi tat-Tribunal. Mela allura l-*key performance indicators* ghalkemm kienu parti importanti minn dan il-process sabiex jiġi stabbilit l-*annual performance bonus* ma kienx l-uniku fattur. Kien hemm fatturi ohra li hadd mill-partijiet ma dahal fihom sabiex ikun jistghu jghinu lit-Tribunal jasal ghall-ammont. Ukoll l-argumentazzjoni mressqa mis-socjeta intimata li r-rikorrenti ma jisthoqqa xejn l-ghaliex hija ma kienitx lahqet, ghalkemm huwa wiehed b'sahhtu ma jfissirx b'daqshekk li jekk ma tilhaqx il-livell mistenni allura ma tinghata xejn. Jekk dan huwa l-kaz, allura x'kien l-iskop li Stephen Ellul jghid li s-socjeta intimata kienet tat *bonus* lil impjegati kollha "*biex il-kumpanija taghti ncentiva lill-impjegati taghha sabiex ghas-sena ta' wara jilhqu u jitjiebu fix-xoghol taghhom kienet iddeċidiet li taghti forma ta' bonus* (fol. 87) u li wara l-incident li kien gie rappurtat fil-gazetti "*... ir-rikorrenti nghatat prodott iehor x'tiehu hsieb mill-kumpanija minni rappreżentata li hija Gold Chocolate*" (fol. 104). L-istess xhud jikkonferma li huwa "*I try to motivate not de motivate*" (fol. 104). Ghalhekk dan ma jistax ifisser hlief li s-socjeta intimata kienet lesta li taghti xi tip ta' *annual performance bonus* lir-rikorrenti, iżda minhabba li sfortunatament ġraw iċ-cirkostanzi kif ġraw u l-partijiet waslu f'dan l-istadju, allura kien hemm nuqqas ta' ko-operazzjoni, rieda tajba u kommunikazzjoni bejn il-partijiet. Dan wassal

sabiex ir-rikorrenti titlob dak li hi qeghda tippretendi li hija intitolata ghalih bil-kuntratt ta' impjieg taghha u s-socjeta intimata sabiex tghid li hija ma haqqa xejn. Dak li qieghed jintalab it-Tribunal huwa li hu jara x'kien haqqa r-rikorrenti anke jekk kellha tiġi aċċettata t-tezi tas-socjeta intimata li hija ma kienitx lahqet it-*targets* miftehma. Insibu li meta wiehed jissottometti ruhu ghal eżami, anke jekk ma jghaddiex, xorta wahda ikun gab marka hi kemm hi, sakemm dak l-istudent ma jkunx mar tant *out of point* li ma jkunx haqqu marka wahda. Jekk niehdu dan l-ezempju fuq ir-rikorrenti, kieku hi kienet tant *out of point* ma kienitx tithalla tibqa f'din il-kariga tant sensittiva sakemm telqet minn mal-kumpanija. Allura xi marka haqqa żgur. Dan apparti l-fatt li l-*key performance indicators*, ghalkemm huma importanti, ma kienx l-uniku fattur sabiex jiġi stabbilit l-*annual performance bonus* taghha u dan skond ma jirrizulta minn qari tal-klawsola numru 5.1.2 tal-kuntratt ta' impjieg (fol. 25). Mehud kollox in konsiderazzjoni, u anke fuq bażi ekwittativa, t-Tribunal sejjer jillikwida l-ammont dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrenti, *arbitrio boni viri*, fl-ammont ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

<u>Ghar-rigward tal-kontro-talba:</u>

(1) jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba in vista tal-fatt li l-mertu gie eżawrit skond ma jirrizulta mill-verbal datat 6 ta' Lulju, 2012 (fol. 31).

(2) Kull wahda mill-partijiet ghandha tbaghti l-ispejjez taghha f'dan ir-rigward.

<u>Ghar-rigward tat-Talba</u>

Qieghed jiichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata fir-risposta taghha in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal ammont ta' elf u hames mitt euro [€1,500] u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u hames mitt euro [€1,500] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez tat-Talba huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------